

## Avviż dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri tal-antidumping

(2015/C 77/08)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li jkunu suġġetti għal dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup>, il-Kummissjoni Ewropea tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

### 2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment twassal biex jitkomplew jew ifeġġu mill-ġdid id-dumping u l-ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-opportunità li jellaboraw, jirrifjutaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

### 3. Limitu ta' żmien

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak li ssemma hawn fuq, li għandha tasal fl-indirizz: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1000 Brussels, Belgium <sup>(2)</sup> fi kwalunkwe żmien wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza <sup>(1)</sup>
Ħjut tal-poliesteru ta' tenaċità għolja	Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Dazju antidumping	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteru ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 315, 1.12.2010, p. 1).	2.12.2015

<sup>(1)</sup> Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> Faks +32 22956505.